MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 21/2000/1

Rikors Nru: 21/2000

L-Agent Kummissarju ta’ l-Art

vs

Dorothy Falzon; Joanne Sciortino; Sonia Sciberras

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Agent Direttur ta’ l-Artipprezentat fit-22 ta’ Mejju, 2000 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 15 ta’ Ottubru, 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghal akkwist b’titolu ta’ Dominju Pubbliku tal-fondi numru 43, Triq Laqxija Birkirkara, Numru 9, Sqaq Numru 2, Triq Laqxija u Numru 11, Sqaq Numru 2, Triq Laqxija, Birkirkara huwa ta’ sitt Liri Maltin u tletin centezmu (Lm6.30c) fis-sena, dsatax-il lira

Maltija u sittin centemzi (Lm19.60c) fis-sena u hames liri Maltin u sittin centezmi (Lm5.60c) fis-sena rispettivament, kif jidher mir-rapport tal-Perit Carmen V Sutton A&CE tal-20 ta' Jannar 1995 li kopja tieghu (Dok A) hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar, 2000 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hames mitt lira Maltija (Lm500.00) fis-sena ghal fond Numru 43, Triq Laqxija, Birkirkara, seba' mitt lira Maltija (Lm700.00) fis-sena ghal fond numru 11 fi Sqaq 2, Triq Laqxija, Birkirkara u disat elef u hames mitt liri Maltin (Lm9,500.00) fis-sena ghal fond Numru 9, fi Sqaq Numru 2, Triq Laqxija, Birkirkara.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitolb bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jitrasferixxu favur ir-rikorrenti b'titolu ta' Dominju Pubbliku l-fondi fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra li l-intimati kkontestaw it-talba.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Renato La Ferla u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti teknici li stmaw il-kumpens ghall-fond numru 43, Triq il-Laqxija, Birkirkara fl-ammont ta' Lm450, ghall-fond 9, Sqaq Numru 2, Triq il-Laqxija, Birkirkara fl-ammont ta' Lm1400, ghall-fond

numru 11, Sqaq Numru 2, Triq il-Laqxija Birkirkara fl-ammont ta’ Lm400.

Il-Bord jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ dominju pubbliku il-fond 43, Triq il-Laqxija, Birkirkara fl-ammont ta’ Lm450, ghall-fond 9, Sqaq Numru 2, Triq il-Laqxija, Birkirkara bil-kumpens ta’ Lm1400, u l-fond numru 11, Sqaq Numru 2, Triq il-Laqxija Birkirkara bil-prezz ta’ Lm400.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att nhar it-22 ta’ Marzu, 2006 fid-9:00a.m. u jahtar lill-avukat Guido Pace Spadaro biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci. Ir- rikorrenti ghandu jgharraf lill imsemmi avukat bid- data tal- pubblikazzjoni ta’ l- att.

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita’ kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------